



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-13 ta' Ġunju 2017

L-Awdituri tal-UE se jeżaminaw il-kontrolli tal-frodi li jitwettqu mill-Kummissjoni

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri se twettaq awditu ta' kif il-Kummissjoni Ewropea timmaniġġja r-riskju ta' frodi fl-infiq tal-UE. L-awditu se jiffoka fuq il-prevenzjoni tal-frodi u fuq ir-rispons għall-frodi, u se jinkludi kontribuzzjonijiet minn NGOs, akkademiċi u prosekuturi, kif ukoll mill-Europol u l-Eurojust.

Fi stħarriġ tal-Ewrobarometru li sar fl-2015 dwar il-perċezzjonijiet tal-frodi u l-korruzzjoni li jolqtu l-baġit tal-UE, 71 % tal-wiġġieba kienu jaħsbu li l-frodi kienet isseħħ "pjuttost frekwentement" u 60 % kienu jħossu li l-korruzzjoni kienet "sinifikanti fl-istituzzjonijiet tal-UE".

Dan jirrappreżenta żieda sinifikanti meta mqabbel mal-istħarriġ flash tal-Ewrobarometru li sar fl-2008, meta 54 % kienu jaħsbu li l-frodi kienet tiġri pjuttost frekwentement u 44 % kienu jħossu li kienet isseħħ il-korruzzjoni fl-istituzzjonijiet tal-UE.

Is-Sur Juhan Parts, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu, qal, "Dawn iċ-ċifri juru kemm iċ-ċittadini tagħna jieħdu bis-serjetà l-problema ta' frodi. Aħna ma nistgħux sempliċement inwarrbuha billi ngħidu li ma jifhmux. L-unika soluzzjoni hija sistema tal-UE għall-ġestjoni tal-frodi li b'mod effettiv tipprevieni, tikxef, tinvestiga u tikkastiga attivitá frawdolenti."

Il-frodi ma titkejjilx faċilment. Hija tista' tiġi stabbilita biss permezz ta' proċedura tal-qorti kriminali, u dgħufijiet potenzjali fil-mod kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri jikxfu u jirrapportaw il-frodi jistgħu jnaqqsu l-affidabbiltà taċ-ċifri disponibbli.

Fl-2015, il-valur totali tal-frodi suspettata li ġiet irrappurtata mill-Kummissjoni kien ta' EUR 560 miljun (li jirrappreżenta 0,4 % tal-pagamenti mill-baġit tal-UE). Bħala medja, madwar 10 % tal-każijiet kollha ta' frodi suspettata li ġew irrappurtati fil-livell tal-UE fil-fatt jispiċċaw jiġu stabbiliti mill-qradi bħala frodi. Fuq din il-bażi, il-frodi fil-konfront tal-baġit tal-UE għall-2015 tista' tkun stmata f'ammont ta' EUR 56 miljun. Madankollu, l-awdituri jwissu li mhux iċ-ċifri kemm hemm frodi li tibqa' għaddejja mingħajr ma tinkixef u mingħajr ma tiġi rrapportata.

Ir-rapport tal-awdituri huwa mistenni li jkun disponibbli fl-2018.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47063 M: (+352) 691 55 30 63

T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24